



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2011/0437(COD)**

21.11.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-  
għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni  
(COM(2011)0897 – C7-0004/2012 – 2011/0437(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sabine Wils

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Parlament Ewropew diġà esprima l-oppożizzjoni tiegħu għal att leġislattiv Ewropew dwar konċessjonijiet għall-għoti ta' servizzi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar żviluppi ġodda fl-akkwisti pubbliċi.

Ir-rapporteur temmen ukoll li m'hemm ebda bżonn għal att leġislattiv għall-aġġudikazzjoni ta' konċessjonijiet ta' servizzi fil-livell Ewropew. Ikun hemm riskju ta' effetti negattivi fuq il-provvista ta' servizzi ta' interess ġenerali u fuq il-fornimet garantit u l-iżvilupp ulterjuri tas-sigurtà soċjali.

Ir-rapporteur tirrakkomanda li jiġi miċħud l-abbozz tad-direttiva.

### Rimarki ġenerali

L-għan prinċipali tal-abbozz huwa li jinħoloq grad ogħla ta' ċertezza legali. Il-konċessjonijiet ta' servizzi huma attwalment eżenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt fil-qasam tal-akkwisti skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/18/KE (id-Direttiva dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi) u l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/17/KE (id-Direttiva tal-Utilitajiet). L-aġġudikazzjoni ta' konċessjonijiet ta' servizzi hija rregolata b'ċertezza legali suffiċjenti permezz tal-leġislazzjoni primarja eżistenti tal-UE, b'mod partikolari l-prinċipji tat-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza, derivati mil-libertajiet fundamentali, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-aġġudikazzjoni ta' konċessjonijiet ta' kostruzzjoni hija wkoll irregolata b'mod suffiċjenti (Direttiva 2004/18/KE).

Ir-rapporteur temmen li l-Kummissjoni żbaljata meta tissuġġerixxi li hemm xi aspetti mhux irregolati. M'għandhiex tkun mistennija iżjed ċertezza legali permezz tad-Direttiva. Barra minn hekk, ir-rapporteur tikkritika wkoll il-kamp ta' applikazzjoni vag u wiesa' żżejjed (Artikolu 1, 2 u 5) u l-kundizzjonijiet għal derogi, li huma ristretti wisq (Artikolu 8). Skont l-opinjoni tar-rapporteur, l-oqsma tas-sigurtà soċjali, il-kultura, l-edukazzjoni, l-infrastruttura pubblika u servizzi oħra provduti mill-awtoritajiet lokali għandhom ikunu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni.

### Is-salvagwardja tas-servizzi ta' interess ġenerali aktar milli l-ftuħ tas-suq

Filwaqt li l-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll dwar is-servizzi ta' interess ġenerali jenfasizzaw id-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu, jikkummissjonaw u jiffinanzjaw servizzi ta' interess ġenerali, l-abbozz tad-direttiva ma jirreferi mkien għat-tisħiħ ta' dawn is-servizzi fil-leġislazzjoni primarja tal-UE. L-enfasi saret minflok fuq il-ftuħ tas-settur tal-akkwist pubbliku għall-kompetizzjoni (premessi 1, 2 u 4), filwaqt li d-sikrezzjoni tal-awtoritajiet kontraenti hija limitata billi dawn ma jingħatawx libertà ta' għażla mingħajr restrizzjonijiet fid-definizzjoni tal-kriterji tal-aġġudikazzjoni (Artikolu 39(2)). Barra minn hekk, m'hemm l-ebda obbligu ta' konformità mal-ftehimiet kollettivi lokali (Artikolu 39, premessi 29 u 32).

B' diżappunt għar-rapporteur, l-għan bażiku tas-servizzi pubbliċi, jiġifieri li è-ċittadini

jingħataw aċċess ġenerali, mhux diskriminatorju, komprensiv u bi prezz raġonevoli għas-servizzi ta' interess ġenerali, mhuwiex ikkunsidrat fil-proposta. L-għan tal-Kummissjoni mhuwiex daqstant li tissalvagwardja dawn is-servizzi, iżda li toħloq setturi ġodda tas-suq. Għalhekk, hemm il-biża' li l-kooperazzjoni pubblika-privata u t-tranżazzjonijiet interni jsiru l-eċċezzjoni. Bħala għanijiet, jissemmew ukoll fl-abbozz l-aċċess imtejjeb tas-suq għall-intrapriżi u l-promozzjoni tas-sħubijiet pubbliċi privati (premessa 17). Ir-rapporteur tikkritika b'mod partikolari dan tal-aħħar, minħabba li hija tal-fehma li s-settur privat ma jipprovdi servizzi li huma aktar effiċjenti, trasparenti u bi prezzijiet aktar raġonevoli mis-settur pubbliku. Barra minn hekk, mhumiex normalment inklużi l-effetti esterni bħal pereżempju dawk fuq il-ħaddiema.

### Is-settur tat-trasport

Id-direttiva proposta tapplika għall-attivitajiet relatati mal-provvista ta' servizzi lill-pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, sistemi awtomatizzati, bit-trammijiet, trolley bus, karozzi tal-linja jew kejbil u s-servizzi postali, b'eċċezzjoni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru abbażi tal-ġhoti ta' liċenzja tal-operar fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Din id-direttiva se tapplika wkoll għall-isfruttar ta' żona ġeografika bl-għan li jiġu pprovduti ajruporti u portijiet marittimi jew interni, jew faċilitajiet oħrajn ta' terminals għall-operaturi tat-trasport tal-ajru, bil-baħar jew fuq l-ilmijiet interni.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 6**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Konċessjonijiet huma kuntratti għal interess pekunjarju konklużi bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità jew entità kontraenti waħda jew aktar u li għandhom bħala l-għan tagħhom l-akkwist ta' xogħlijiet jew servizzi fejn il-konsiderazzjoni tikkonsisti, normalment, fid-dritt li jiġu sfruttati xogħlijiet jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt. L-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet jew servizzi hija soġġetta għal obbligi

##### *Emenda*

(6) Konċessjonijiet huma kuntratti għal interess pekunjarju konklużi bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità jew entità kontraenti waħda jew aktar u li għandhom bħala l-għan tagħhom l-akkwist ta' xogħlijiet jew servizzi fejn il-konsiderazzjoni tikkonsisti, normalment, fid-dritt li jiġu sfruttati xogħlijiet jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt. L-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet jew servizzi hija soġġetta għal obbligi

vinkolanti speċifiċi definiti mill-awtorità jew l-entità kontraenti li huma legalment infurzabbli. B'kuntrast, ċerti atti mill-Istat bħal awtorizzazzjonijiet jew liċenzi li bihom l-Istat jew awtorità pubblika tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika, m'għandhomx jikkwalifikaw bħala konċessjonijiet. L-istess japplika għal ċerti ftehimiet *li jkollhom bħala għan tagħhom* id-dritt li *operatur ekonomiku* jisfrutta ċerti dominji jew riżorsi pubbliċi, *bħal kuntratti ta' kiri ta' art fejn l-Istat jew l-awtorità jew l-entità kontraenti tistabbilixxi* biss kondizzjonijiet ġenerali għall-użu tagħhom mingħajr ma *jakkwistaw* xogħlijiet jew servizzi speċifiċi.

vinkolanti speċifiċi definiti mill-awtorità jew l-entità kontraenti li huma legalment infurzabbli. B'kuntrast, ċerti atti mill-Istat bħal awtorizzazzjonijiet jew liċenzi li bihom l-Istat jew awtorità pubblika tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika, m'għandhomx jikkwalifikaw bħala konċessjonijiet. L-istess japplika għal ċerti ftehimiet, *bħal kuntratti ta' inkwilinat jew ta' kiri ta' art, fejn l-Istat jew l-awtorità jew entità kontraenti tagħti lil operatur ekonomiku, għal remunerazzjoni*, id-dritt li jisfrutta ċerti dominji jew riżorsi pubbliċi, *inklużi żoni marittimi, portijiet interni jew marittimi, u li fihom, bħala regola, jiġu stabbiliti* biss kondizzjonijiet ġenerali għall-użu tagħhom mingħajr ma *l-Istat jew l-awtorità kontraenti ssir id-destinatarju ta'* xogħlijiet jew servizzi speċifiċi. *Fil-qafas ta' kuntratti bħal dawn, id-dispożizzjonijiet relatati mat-trasferiment, l-użu permissibbli u ż-żamma tad-dominji jew ir-riżorsi pubbliċi u r-restituzzjoni tal-pussess tagħhom lill-Istat jew lill-awtorità kontraenti, il-perjodu tal-kuntratt ta' inkwilinat jew ta' kiri ta' art, il-kera u l-kostijiet l-oħra mġarrba mill-inkwilin għandhom jitqiesu bħala kundizzjonijiet ġenerali li għandhom l-għan li jirregolaw l-użu tad-dominju pubbliku jew ir-riżorsa pubblika.*

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva Premessa 8a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(8a) Minħabba li l-konċessjonarji jgħorru riskju operattiv sostanzjali, għandhom ikunu ħielsa li jagħżlu l-mod ta' twettiq tal-kuntratt li jidhrilhom li hu l-aktar xieraq, jiġifieri li l-kuntratt jitwettaq direttament minnhom, jew f'kollaborazzjoni ma' kumpaniji affiljati, jew billi jissottokuntrattaw liberament lil*

**partijiet terzi.**

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda hija maħsuba biex tiċċara l-oġettiv ta' flessibilità u simplifikazzjoni mixtieq mill-proposta għal direttiva rigward l-attribuzzjoni downstream mill-konċessjonarju, b'konformità mal-identifikazzjoni tar-riskju operattiv sostanzjali bħala wieħed mill-elementi li jikkarakterizzaw il-konċessjoni. Minħabba li r-riskju msemmi jinġarr mill-konċessjonarji, għandhom ikunu ħielsa li jagħżlu l-mod li jħossu li hu l-aktar xieraq biex iwettqu l-kuntratt: jew direttament, jew f'kollaborazzjoni ma' kumpaniji affiljati, jew billi jissottokuntrattaw liberament lil partijiet terzi.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) **Sabiex jiġi żgurat ftuħ reali tas-suq u bilanċ ġust fl-applikazzjoni tar-regoli tal-għoti tal-konċessjonijiet fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali huwa meħtieġ li l-entitajiet koperti jiġu identifikati fuq bażi li mhijiex l-istatus legali tagħhom. Għalhekk, għandu jiġi żgurat, li ma jiġix preġudikat it-trattament** indaqs **tal-entitajiet** kontraenti li joperaw fis-settur pubbliku u **ta'** dawk li joperaw fis-settur privat. Huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat, f'konformità mal-Artikolu 345 tat-Trattat, li ma jiġux preġudikati r-regoli li jirregolaw is-sistema tas-sjieda tal-proprjetà fl-Istati Membri.

*Emenda*

(11) Għandu jiġi żgurat **li jingħata t-trattament** indaqs **lill-entitajiet** kontraenti li joperaw fis-settur pubbliku u **lil** dawk li joperaw fis-settur privat. Huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat, f'konformità mal-Artikolu 345 tat-Trattat, li ma jiġux preġudikati r-regoli li jirregolaw is-sistema tas-sjieda tal-proprjetà fl-Istati Membri.

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11a) Skont l-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Protokoll 26 dwar servizzi**

*ta' interess ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, reġjonali jew lokali għandu jkollhom diskrezzjoni wiesgħa fid-deċiżjoni dwar jekk jagħtux kuntratti għal servizzi ta' interess ġenerali.*

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 17

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) ***Hemm inċertezza legali konsiderevoli dwar kemm il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet pubbliċi għandha tiġi koperta b'regoli dwar l-għoti ta' konċessjonijiet.*** Il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija interpretata b'mod differenti fost l-Istati Membri u anki fost l-awtoritajiet kontraenti jew ċerti entitajiet kontraenti. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġi ċċarat f'liema każijiet, il-konċessjonijiet konklużi bejn dawn l-awtoritajiet kontraenti mhumiex soġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli tal-għoti *tal-konċessjonijiet* pubbliċi. Il-fatt biss li ż-żewġ partijiet għal ftehim ikunu huma stess awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti skont l-Art. 4 (1) (1) ***ma għandux bħala tali jeskludi l-applikazzjoni ta' regoli għall-għoti ta' konċessjonijiet. Madankollu, l-applikazzjoni ta' regoli tal-għoti ta' konċessjonijiet ma għandhiex tinterferixxi mal-libertà tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu kif jorganizzaw il-mod li bih iwettqu l-kompiti tagħhom ta' servizz pubbliku. Konċessjonijiet mogħtija lil entitajiet kontrollati jew kooperazzjoni għall-eżekuzzjoni konġunta tal-kompiti ta' servizz pubbliku tal-awtoritajiet jew l-entitajiet kontraenti parteċipanti għandhom għalhekk jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli jekk jiġu ssodisfatti il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva għandu jkollha l-għan li***

#### *Emenda*

(17) Il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ***dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kontraenti*** hija interpretata b'mod differenti fost l-Istati Membri u anki fost l-awtoritajiet kontraenti jew ċerti entitajiet kontraenti. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġi ċċarat f'liema każijiet, il-konċessjonijiet konklużi bejn dawn l-awtoritajiet kontraenti mhumiex soġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli tal-għoti *tal-konċessjonijiet* pubbliċi. Din il-kjarifika għandha tkun iggwidata mill-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-applikazzjoni ta' regoli tal-għoti ta' konċessjonijiet ma għandhiex tinterferixxi mal-libertà tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu kif jorganizzaw il-mod li bih iwettqu l-kompiti tagħhom ta' servizz pubbliku. Konċessjonijiet mogħtija lil entitajiet kontrollati jew kooperazzjoni għall-eżekuzzjoni konġunta tal-kompiti ta' servizz pubbliku tal-awtoritajiet jew l-entitajiet kontraenti parteċipanti għandhom għalhekk jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli jekk jiġu *ssodisfatti* il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva għandu jkollha l-għan li tiżgura li kull kooperazzjoni eżentata bejn l-awtoritajiet pubbliċi, ***filwaqt li tipprovdli servizzi ta' interess pubbliku liċ-ċittadini, mhijiex meqjusa bħala sors ta' distorsjoni possibbli*** fil-kompetizzjoni fir-rigward tal-

tiżgura li kull kooperazzjoni eżentata bejn l-awtoritajiet pubbliċi **ma tikkawżax** distorsjoni fil-kompetizzjoni fir-rigward tal-atturi ekonomiċi privati. Lanqas il-parteeipazzjoni ta' awtorità kontraenti bħala offerent fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku ma għandha tikkawża kwalunkwe distorsjoni fil-kompetizzjoni.

atturi ekonomiċi privati. Lanqas il-parteeipazzjoni ta' awtorità kontraenti bħala offerent fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku ma għandha tikkawża kwalunkwe distorsjoni fil-kompetizzjoni.

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva Premessa 37a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(37a) F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din id-direttiva tapplika għall-konċessjonijiet mogħtija wara d-dħul fis-seħħ tagħha.**

*Ġustifikazzjoni*

*Meta titqies l-importanza tal-prinċipju tal-invjolabilità tal-kuntratti ta' konċessjoni fis-seħħ fl-Istati Membri, dan għandu jiġi speċifikat b'mod ċar fid-direttiva.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2 a. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-awtoritajiet pubbliċi fi kwalunkwe livell li jiddeċiedu jekk għandhomx iwettqu funzjonijiet pubbliċi huma stess, billi jużaw ir-riżorsi interni tagħhom mingħajr ma jkunu obbligati li jagħtu konċessjonijiet lil operaturi ekonomiċi esterni oħra. Dawn il-kompiti jistgħu jitwettqu f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet kontraenti pubbliċi oħra.**



## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) "akkwist" kif definita fl-Artikolu 1, paragrafu 2 tad-Direttiva 2013/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar l-akkwist pubbliku.\**

---

*\* ĠU: daħħal in-numru u d-data ta' dik id-Direttiva.*

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) 'konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi' tfisser kuntratt bi ħlas miftiehem bil-miktub *bejn* operatur ekonomiku wieħed jew aktar u *awtorità kontraenti waħda jew aktar* u li *jkollu bħala għan tiegħu l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, fejn il-korrispettiv għax-xogħlijiet li għandhom jitwettqu jikkonsisti* jew unikament fid-dritt ta' sfruttament tax-xogħlijiet li huma s-suġġett *tal-kuntratt* jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas.

(2) 'konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi' tfisser kuntratt bi ħlas miftiehem bil-miktub, *skont liema kuntratt awtorità kontraenti waħda jew aktar jafdaw l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, li huma responsabbli għalihom, lil* operatur ekonomiku wieħed jew aktar, u li *fih id-drittijiet u l-obbligi taż-żewġ partijiet ikunu rregolati u jikkonsistu* jew unikament fid-dritt ta' sfruttament tax-xogħlijiet li huma s-suġġett *ta' konċessjoni* jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas.

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) "konċessjoni ta' servizzi" tfisser kuntratt bi ħlas miftiehem bil-miktub *bejn*

(7) "konċessjoni ta' servizzi" tfisser kuntratt bi ħlas miftiehem bil-miktub *li*

**operatur ekonomiku wieħed jew aktar u** awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar **u li jkollu bħala l-għan tiegħu l-provvediment** ta' servizzi għajr dawk imsemmija fil-punti 2 u 4 meta l-korrispettiv għas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti jikkonsisti jew fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li jkunu s-soġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas.

**permezz tiegħu** awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar **jafdaw il-provvediment** ta' servizzi **li jkunu responsabbli għalihom**, għajr dawk imsemmija fil-punti 2 u 4, **lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar**, meta l-korrispettiv għas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti jikkonsisti jew **unikament** fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li jkunu s-soġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-dritt ta' sfruttament ta' xogħlijiet jew is-servizzi kif imsemmija fil-punti 2, 4 u 7 tal-ewwel paragrafu għandu implika t-trasferiment lill-konċessjonarju ta' **riskju** operazzjonali **sostanzjali**. Il-konċessjonarju għandu jitqies li jassumi **r-riskju operazzjonali** sostanzjali meta ma jkunx garantit li jirkupra l-investimenti magħmula jew l-ispejjeż imġarrba fl-operat tax-xogħlijiet jew is-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni.

*Li r-riskju* ekonomiku jista' jikkonsisti f'wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ir-riskju relatat mal-użu tax-xogħlijiet jew *d-domanda* għall-provvista tas-servizz; jew

b) ir-riskju relatat mad-disponibbiltà tal-infrastruttura pprovduta mill-konċessjonarju jew użata għall-provvista ta' servizzi lill-utenti.

#### *Emenda*

2. Id-dritt ta' sfruttament ta' xogħlijiet jew is-servizzi kif imsemmija fil-punti 2, 4 u 7 tal-ewwel paragrafu għandu implika t-trasferiment lill-konċessjonarju ta' **sehem sostanzjali tar-riskju ekonomiku u** operazzjonali. Il-konċessjonarju għandu jitqies li jassumi **sehem** sostanzjali **tar-riskju** meta ma jkunx garantit li jirkupra l-investimenti magħmula jew l-ispejjeż imġarrba fl-operat tax-xogħlijiet jew is-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni.

*Ir-riskju ekonomiku u* operattiv jista' jikkonsisti f'wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ir-riskju relatat mal-użu tax-xogħlijiet jew *id-domanda* għall-provvista tas-servizz; jew

(b) ir-riskju relatat mad-disponibbiltà tal-infrastruttura pprovduta mill-konċessjonarju jew użata għall-provvista ta' servizzi lill-utenti.

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-akkwist **jew** il-kiri, bi kwalunkwe mezz finanzjarju, ta' artijiet, bini eżistenti jew proprjetà immobbli oħra jew li jikkonċernaw id-drittijiet tagħhom; madankollu, il-konċessjonijiet ta' servizzi finanzjarji mogħtija fl-istess żmien, qabel jew wara l-kuntratt ta' akkwist jew ta' kiri, fi kwalunkwe forma, għandhom ikunu soġġetti għal din id-Direttiva;

*Emenda*

(a) l-akkwist, il-kiri, **il-lokazzjoni jew l-għoti** bi kwalunkwe mezz finanzjarju, ta' **dominji pubbliċi, inklużi żoni marittimi, portijiet interni u marittimi**, artijiet, bini eżistenti jew proprjetà immobbli oħra jew li jikkonċernaw id-drittijiet tagħhom, **fejn l-Istat jew l-awtorità jew entità kontraenti jistabblixxu biss kundizzjonijiet ġenerali għall-użu tagħhom mingħajr ma jakkwistaw xogħlijiet jew servizzi**; madankollu, il-konċessjonijiet ta' servizzi finanzjarji mogħtija fl-istess żmien, qabel jew wara l-kuntratt ta' akkwist jew ta' kiri, fi kwalunkwe forma, għandhom ikunu soġġetti għal din id-Direttiva;

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

It-tul tal-konċessjoni għandu jkun limitat għaż-żmien *estimat* meħtieġ sabiex il-konċessjonarju jirkupra l-investimenti magħmula fl-operat tax-xogħlijiet jew servizzi flimkien ma' dħul raġonevoli fuq il-kapital investit.

*Emenda*

It-tul tal-konċessjoni għandu jkun limitat għaż-żmien *stmat* meħtieġ sabiex il-konċessjonarju jirkupra l-investimenti magħmula fl-operat tax-xogħlijiet jew servizzi flimkien ma' dħul raġonevoli fuq il-kapital investit, **kif speċifikat preċedentament fil-kuntratt tal-konċessjoni.**

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-awtorità kontraenti għandu jkollha l-obbligu, meta tippubblika n-notifika tal-konċessjoni, li tonora l-impenji kollha li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet stabbiliti**

*f'dan l-Artikolu.*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 36 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri **jistgħu** jipprovdu li awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti jeskludu mill-parteċipazzjoni fl-għoti ta' konċessjoni lil kwalunkwe operatur ekonomiku jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

*Emenda*

L-Istati Membri **għandhom** jipprovdu li awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti jeskludu mill-parteċipazzjoni fl-għoti ta' konċessjoni lil kwalunkwe operatur ekonomiku jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

## **Emenda 16**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 36 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c a) Ksur tal-liġi tas-sigurtà soċjali, tax-xogħol, fiskali jew ambjentali.*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 39 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-konċessjonijiet għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali u li jiżguraw li l-offerti jiġu vvalutati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva biex jiġi identifikat vantaġġ ekonomiku kumplessiv għall-awtorità jew l-entità kontraenti.

*Emenda*

1. Il-konċessjonijiet għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, **definiti b'mod preċiż mill-fornitur tal-konċessjonijiet**, li jiżguraw konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali u li jiżguraw li l-offerti jiġu vvalutati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva biex jiġi identifikat vantaġġ ekonomiku kumplessiv għall-awtorità jew l-entità kontraenti.

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 39 – paragrafu 4 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri **jistgħu** jipprovdu li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' konċessjonijiet fuq il-kriterju tal-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, f'konformità mal-paragrafu 2. Dawk il-kriterji jistgħu jinkludu, minbarra l-prezz jew spejjeż, kwalunkwe mill-kriterji li ġejjin

##### *Emenda*

4. L-Istati Membri **għandhom** jipprovdu li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' konċessjonijiet fuq il-kriterju tal-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, f'konformità mal-paragrafu 2. Dawk il-kriterji jistgħu jinkludu, minbarra l-prezz jew spejjeż, kwalunkwe mill-kriterji li ġejjin

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 41 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fid-dokumenti tal-konċessjoni, l-awtorità jew l-entità kontraenti tista' titlob jew *jista' jkun meħtieġ* minn Stat Membru *li jintalab li l-offerent* jindika fl-offerta tiegħu kwalunkwe sehem mill-kuntratt li hu jista' jkollu l-ħsieb li jagħti bħala sottokuntratt lil partijiet terzi **u jindika** kwalunkwe sottokuntratturi **proposti**.

##### *Emenda*

1. Fid-dokumenti tal-konċessjoni, l-awtorità jew l-entità kontraenti tista' titlob jew *tista' tintalab* minn Stat Membru *biex titlob lill-offerent* jindika fl-offerta tiegħu kwalunkwe sehem mill-kuntratt li hu jista' jkollu l-ħsieb li jagħti bħala sottokuntratt lil partijiet terzi, **filwaqt li jispeċifika l-ismijiet ta'** kwalunkwe sottokuntratturi, **kif ukoll ir-responsabbiltà in solidum tagħhom. Tali informazzjoni għandha tkun aġġornata u kkomunikata lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti matul il-perjodu tal-konċessjoni filwaqt li jiġu indikati sostituzzjonijiet jew tibdil possibbli.**

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)

**2a. Sakemm ma tinbidilx in-natura ġenerali tal-konċessjoni, il-modifika tal-konċessjoni mhix ikkunsidrata sostanzjali jekk:**

**a) il-modifika tkun prevista fil-kuntratt ta' konċessjoni inizjali fil-forma ta' klawżoli ta' rieżami jew għażliet ċari, preċiżi u inekwivoċi, li jindikaw il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-modifiki possibbli kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħtom ikunu jistgħu jintużaw;**

**b) il-valur tagħha ma jaqbiżx il-limitu ffissat fl-Artikolu 6 u jkun inferjuri għal 5 % tal-valur aġġornat tal-kuntratt inizjali.**

**Fejn isiru bosta modifiki suċċessivi, il-valur imsemmi għandu jkun ivvalutat abbażi tal-valur aġġornat kumulattiv tal-modifiki suċċessivi.**

## **Emenda 21**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 43 – punt ba (ġdid)**

**(ba) l-obbligi stabbiliti fil-kuntratt ta' konċessjoni mhux qed jiġu ssodisfati;**

## **Emenda 22**

**Proposta għal direttiva  
Anness III – paragrafu 1 – punt 5**

5. Attivitajiet li jirrelataw mal-esplojtazzjoni ta' żona ġeografika għall-fini ta' forniment ta' ajruporti u portijiet

5. Attivitajiet li jirrelataw mal-isfruttament ta' żona ġeografika għall-fini ta' forniment ta' ajruporti u portijiet marittimi jew interni

marittimi jew interni jew *faċilitajiet terminali* oħrajn lill-operaturi tal-ajru, tal-baħar jew fuq l-ilmijiet interni;

jew *infrastruttura ġenerali* oħra lill-operaturi tal-ajru, tal-baħar jew fuq l-ilmijiet interni.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-ġhoti ta' kuntratti ta' konċessjoni
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0897 – C7-0004/2012 – 2011/0437(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 17.1.2012
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 17.1.2012
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Sabine Wils 27.2.2012
<b>Eżami fil-kumitat</b>	17.9.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.11.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 39 –: 1 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Jaromír Kohlíček, Georgios Koumoutsakos, Jörg Leichtfried, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Hubert Pirker, Petri Sarvamaa, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Țicău, Giommaria Uggias, Peter van Dalen, Dominique Vlasto, Artur Zasada
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Michael Gahler, Petra Kammerevert, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Anna Rosbach, Ramon Tremosa i Balcells, Sabine Wils, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Peter Simon, Patricia van der Kammen